MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 51/2014

**Francis Tanti K.I. 128447M u martu Mary Tanti K.I. 270649M**

**vs**

**Joseph Sammut K.I. 136968M u martu Rose sive Rosaria Sammut K.I. 393266M**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huma jikru lill-intimati l-fond minghajr numru ufficjali bl-isem ‘Saint Mary’, fi Triq Tumas Dingli, Mosta konsistenti f’confectionery (bakery & confectionery) u dan permezz ta’ kuntratt ta’ kirja tal-31 ta’ Mejju 2010, kopja annessa u mmarkata Dok A.

Illi ai termini tal-Artikolu 1 tal-imsemmi kuntratt, il-kirja hija valida ghall-perjodu ta’ hames (5) snin li bdew jiddekorru mill-1 ta’ Settembru 2010;

Illi ai termini tal-Artikolu 2 tal-istess kuntratt l-ammont pattwit tal-kera huwa ta’ hamsa u ghoxrin ewro (€25) kuljum (inkluz hdud u festi) ghall-ewwel sena, filwaqt illi mit-tieni sena ‘il quddiem, l-ammont tal-kera kellu jghola ghal tletin Ewro (€30) kuljum (inkluz hdud u festi), illi hija effettivament ir-rata tal-kera applikabbli illum;

Illi l-imsemmija kera hija pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

Illi l-intimati huma moruzi fil-hlas ta’ kera ghal diversi skadenzi u kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dok B, l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti arretrati ta’ kera ammontanti fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, mija u sebgha u hamsin Euro u hamsin centezmi (€21,157.50) u dan riferenti ghall-perjodu sal-31 ta’ Mejju 2014;

Illi minkejja interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-arretrati ta’ kera minnhom dovuta, l-intimati baqghu inadempjenti;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza ghar-ripreza ta’ fond kummercjali proposta mis-sidien kontra l-intimati kerrejja wara li dawn tal-ahhar naqsu milli jhallsu erba’ skadenzi ta’ kera. Din il-kirja kienet kostitwita permezz ta’ kuntratt in iskritt bejn il-partijiet bid-data tal-31 ta’ Mejju 2010 ezebit bhala Dok A;

Illi l-intimati, debitament notifikati bir-rikors promutur naqsu milli jidhru biex jikkontestaw il-kawza u naqsu ukoll milli jirregistraw objezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti. Il-Bord semgha bil-gurament ix-xhieda tar-rikorrenti Francis Tanti li kkonferma l-kontenut tar-rikors u ddikjara li minn meta kienet intavolata l-kawza odjerna qatt ma rcieva pagamenti mill-intimat;

Illi ezaminati l-atti jemergi illi l-ftehim bejn il-partijiet ex artikolu 8 jistipula illi s-sidien ghandhom dritt jitterminaw il-kirja minghajr proceduri ulterjuri f’kaz illi l-kerrej ikun lura fil-pagamenti tal-kera ghal aktar minn hames (5) gimghat. Issa mill-prospett ezebit bhala Dok B, l-intimati huma lura fil-pagamenti ghall-aktar mnn tnax-il xahar fl-ammont komplessiv ta’ €21,157.50. Fic-cirkostanzi fejn l-intimati baqghu ma kkontestawx it-talbiet odjerni, dan il-Bord ma ghandu l-ebda mod kif jista’ jikkontrolla jekk kienx hemm xi raguni valida u skuzanti ghaliex l-intimati naqsu milli jonoraw l-obbligi lokatizji taghhom. Ghalhekk bil-provi mressqa, t-talbiet tar-rikorrenti ser ikunu milqugha;

Ghal dawn il-motivi l-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u qieghed jiddikjara lill-intimati debituri tar-rikorrenti, solidament bejnithom, fis-somma ta’ €21,157.50 u jordna lill-istess intimati solidament bejnithom ihallsu lir-rikorrenti din is-somma bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------